**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 13 – IT-TNEJN, 27 TA' JANNAR 2019 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier |
| Joe Aquilina | Kunsillier |
| David Dalli | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |
| | |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Tania Borg | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 12**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet

1.2 Is-Sur Trevor Fenech ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 12**

2.1 Dwar paragrafu 2.2 ġie kkonfermat li għal Triq iċ-Ċieda. Għandha ssir site visit mas-Sindku u jsir konsultazzjoni mas-CRPD.

2.2 Dwar paragrafu 5.2 kien hemm qbil li meta titwaħħal l-istatwa l-ġdida tal-Madonna, l-antika għandha tingħata lil sidha.

2.3 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis issuġġerixxa li l-parkeġġ fi Triq il-Baltiku għandu jiġi mal-ħajt tal-wied minflok mal-bini. Ġie innutat li din tista' toħloq problema lir-residenti meta jkunu qed joħorġu mill-garaxx tagħhom.

2.4 Dwar paragrafu 7.1, is-Sur Joe Aquilina talab għal-lista tal-postijiet fejn hemm bike rakes f'San Ġwann. Hu lmenta dwar l-korrispondenza mid-DLG fejn ma ġietx aċċettata l-applikazzjoni tal-Kunsill għar-restawr tal-Kappella tal-Propostru.

## 3 Pagamenti Numru 12

3.1 Dwar pagament numru 24, tal-Micamed Limited, kien hemm qbil li din tiġi sospiża sakemm nieħdu direzzjoni mid-DLG.

3.2 Is Sur Trever Fenech ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Joe Aquilina ssekonda. Kien hemm qbil unanimu. Kien hemm approvazzjoni wkoll il-petty cash għax-xahar ta' Diċembru.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Kien hemm diskussjoni dwar proposta minn kumpanija privata biex jinstallaw information kiosks minflok telephone boxes. Kien hemm qbil unanimu dwar din il-proposta.

4.2 Dwar is-site ta' Triq il-Kampanella, ġew diskussi l-BOQs u l-visuals ta' dan il-proġett. Kien hemm qbil li tinħareġ is-sejħa għal dawn ix-xogħlijiet.

4.3 Kien hemm qbil biex is-Sindku jattendi għall-Kungress tar-Reġjuni, u Municipalites tal-Ewropa f'Mejju.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm diskussjoni dwar talba biex il-Kunsill jikkolabora ma' San Ġwann FC Nursery għal żjara minn Krakow FC. Kien hemm qbil li l-Kunsill jalloka baġit ta' 1,500 Euro.

5.2 Kien hemm diskussjoni dwar l-interview li saret lil Charmaine Gauci għal post ta' skrivana mal-Kunsill. Il-membri tal-Bord irrakomandaw li tintgħażel hi peress li kellha l-esperjenza. Kien hemm qbil unanimu li tintgħażel ghal post ta' Clerk.

5.3 Kien hemm qbil li l-AGM isir fil-11 ta' Frar 2020 fis-6.30pm.

5.4 Dwar l-attività tal-karnival, kien hemm qbil li din issir fl-24 ta' Frar 2020 bejn il-5.30 u s-7.30pm fi Pjazza Lourdes.

5.5 Kien hemm qbil li l-ftuħ tal-Ġnien 11 ta' Frar (Ta' Żwejt) isir is-Sibt 8 ta' Frar 2020.

5.6 Ma kien hemm qbil li nħallsu għal Keep Fit Classes. Is-Sindku għandu jagħmel kuntatt mal-instructor.

5.7 Ġie innutat li kien hemm approvazzjoni għal DNO għal bus stop.

5.8 Ġie innutat li l-Kunsill rebaħ kawża fl-arbitraġġ li kienet fetħet il-kumpanija Untours kontra l-Kunsill.

5.9 Kien hemm qbil fil-prinċipju li jsir MOU ma' Wirt San Ġwann

5.10 Dwar ir-rigali li nxtraw għat-tfal fil-Milied, għandha ssir laqgħa mal-kumpanija peress li r-rigali ma kinux l-istess li ġew ordnati u l-kont għadu pendenti.

## 6 Affarijiet Oħra

6.1 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici talab biex meta jkun hemm il-podoloġista u n-nurse, dan jiġi mħabbar fuq il-page tal-kunsill fuq FB. Hu lmenta li qed ikun

hemm boroż tar-rubbish fi Vjal in-Naspli. Hu staqsa wkoll meta ser ikun hemm ix-xufier mal-Kunsill.

6.2 Is-Sur Joe Aquilina staqsa jekk Triq il-Ġojjin hux ser issir bit-tarmac. Is-Sindku rrisponda li dik qegħda fuq il-lista. Is-Sur Aquilina staqsa wkoll dwar meta ser tkun lesta Triq il-Mensija.

6.3 Is-Sur David Dalli ilmenta li hemm bżonn tiswija ta' parti mill-bankina fi Triq l-Isponsun u quddiem il-Lourdes Pharmacy. Hu Ilmenta wkoll li ż-żebra crossing ta' Triq Bella Vista għadha mitfija. Ilmenta wkoll li hemm bzonn tiswija fuq bankina fi Triq l-Imsieraħ kantuniera ma' Triq Birkirkara. Ilmenta wkoll li hemm arblu tal-injam li għandu jitneħħa.

6.4 Is-Sur Dominic Cassar ilmenta wkoll dwar iż-żebra crossing ta' Triq Bella Vista. Fakkar ukoll li għandha tiċċaqlaq waħda miż-żebra crossing fi Vjal ir-Riħan.

6.5 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ilmenta li qed ikun hemm clogging b'parkeġġ illegali quddiem l-HSBC. Hu ilmenta wkoll dwar id-dispjaċir li l-bankini ma twessawx fi Triq il-Mensija anke wara li saret laqgħa mal-Perit.

6.6 Is-Sinjura Joan Farrugia ilmentat li hemm bżonn ta' patching fi Triq Bella Vista.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.15pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 11 ta' Frar 2020 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Trevor Fenech**
**Sindku**